IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.12.2025
COM(2025) 789 final

2025/0427 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Iżvezja

2025/0427 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Iżvezja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (''RRP,'' recovery and resilience plan) mill-Iżvezja fit-28 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fl-4 ta' Mejju 2022, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni ("id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022")[2]. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Novembru 2023[3] u tal-10 ta' Diċembru 2024[4].

(2) Fid-19 ta' Ġunju 2025, l-Iżvezja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, l-Iżvezja ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

(3) L-emendi tal-RRP ippreżentati mill-Iżvezja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 18-il miżura.

(4) L-Iżvezja spjegat li ġew emendati żewġ miżuri biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tagħhom. Dan jikkonċerna l-investiment 3 (Effiċjenza enerġetika f'bini b'abitazzjonijiet multipli) taħt il-komponent 1 (Irkupru ekoloġiku) u l-investiment 1 (Miżura fuq skala akbar: L-effiċjenza enerġetika f'bini b'abitazzjonijiet multipli) taħt il-komponent 6 (il-kapitolu REPower EU). Fuq din il-

[1] ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj
[2] ST 7772/22 INIT; ST 7772/22 ADD 1.
[3] ST 14474/23 INIT; ST 14474/23 ADD 1.
[4] ST 15975/24 INIT; ST 15975/24 ADD 1.

bażi, l-Iżvezja talbet l-emendar tal-miżuri msemmija hawn fuq. Peress li dawk iċ-ċirkostanzi jiġġustifikaw l-emendar tal-miżuri, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 tiġi emendata kif xieraq.

(5) L-Iżvezja spjegat li ġew emendati 15-il miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, filwaqt li xorta jintlaħqu l-objettivi ta' dawk il-miżuri. Dan jikkonċerna l-investiment 1 (Investimenti klimatiċi lokali u reġjonali), l-investiment 2 (Investimenti klimatiċi fis-settur industrijali (Leap tal-Industrija)), l-investiment 5 (Protezzjoni ta' natura siewja) u r-riforma 1 (Simplifikazzjoni tal-proċess għall-permessi ambjentali) taħt il-komponent 1 (Irkupru ekoloġiku), l-investiment 1 (Aktar postijiet ta' studju fl-edukazzjoni vokazzjonali reġjonali għall-adulti), l-investiment 3 (Riżorsi biex jiġu ssodisfati d-domandi għall-edukazzjoni fl-universitajiet u f'istituzzjonijiet oħra tal-edukazzjoni għolja) u r-riforma 3 (Programm professjonali nazzjonali għall-prinċipali, l-għalliema u l-għalliema tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal) taħt il-komponent 2 (Edukazzjoni u tranżizzjoni), l-investiment 1 (Inizjattiva għall-kura tal-anzjani), ir-riforma 1 (Ir-Regolamentazzjoni tat-titolu professjonali tal-assistenti tal-infermiera), ir-riforma 2 (Limiti tal-età aġġustati) u r-riforma 3 (Miżuri aktar b'saħħithom kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu) taħt il-komponent 3 (Kundizzjonijiet aħjar biex tiġi indirizzata l-isfida demografika), l-investiment 1 (Għajnuna għall-investiment għall-kiri u l-akkomodazzjoni tal-istudenti) u r-riforma 2 (Reviżjoni tal-qafas regolatorju għall-permessi tal-bini) taħt il-komponent 5 (Investiment għat-tkabbir u l-akkomodazzjoni), u l-investiment 2 (Miżura fuq skala akbar: Għajnuna għall-investiment għal akkomodazzjoni għall-kiri u għall-istudenti) u r-riforma 1 (Tħaffif tal-proċess ta' awtorizzazzjoni għall-kostruzzjoni tal-grilja tal-elettriku) taħt il-komponent 6 (kapitolu REPower EU). Fuq din il-bażi, l-Iżvezja talbet li dawk il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

(6) L-Iżvezja spjegat li tneħħiet miżura waħda biex il-piż amministrattiv ikun jista' jitnaqqas u tiġi ssimplifikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. Dan jikkonċerna l-investiment 1 (Infrastruttura diġitali konġunta tal-amministrazzjoni pubblika) taħt il-komponent 4 (Espansjoni tal-broadband u diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u tal-miri

(7) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u tal-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi emendata biex tqis l-emendi tal-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mill-Iżvezja.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

(8) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Kostijiet

(9) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija moderatament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

(10) L-Iżvezja aġġornat il-kostijiet għall-investiment 3 (Effiċjenza enerġetika f'bini b'abitazzjonijiet multipli) taħt il-komponent 1, li wassal għal tnaqqis fil-kost totali stmat tal-RRP. L-Iżvezja pprovdiet biżżejjed informazzjoni u evidenza biex tikkonferma li l-kostijiet tal-investiment rivedut għadhom raġonevoli u plawżibbli. Fl-aħħar nett, l-ammont tal-kostijiet totali stmat tal-RRP huwa f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

(11) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa mill-Iżvezja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għall-Iżvezja rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (da), (db), (e), (f), (g), (h), (j) u (k).

Valutazzjoni pożittiva

(12) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

Kontribuzzjoni finanzjarja

(13) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tal-Iżvezja hija ta' EUR 3 452 688 140, li jikkorrispondu għal SEK 34 958 467 418, abbażi tar-rata ta' referenza tal-BĊE bejn l-EUR u l-SEK tat-28 ta' Mejju 2021. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Iżvezja, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5], u mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat tal-Iżvezja jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 3 445 666 208. Għalhekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Iżvezja tibqa' l-istess.

(14) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 tiġi emendata kif xieraq. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament.

(15) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kwalunkwe proċedura marbuta mal-għoti ta' fondi tal-Unjoni skont kull programm ieħor tal-Unjoni ħlief il-Faċilità jew għall-proċeduri marbuta mad-distorsjonijiet tal-operat tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma tissostitwix il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

[5] Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1
Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat tal-Iżvezja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

Artikolu 2
Emendi

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Iżvezja hija emendata kif ġej:

l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Iżvezja huwa sostitwit bit-test li jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Iżvezja.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President